# Riflessjonijiet Imnebbħa mill-Assedju l-Kbir

*Lino Bugeja*



L-Assedju l-Kbir tal-1565 kellu effett pożittiv fuq l-Ewropa Nisranija wisq aktar milli wieħed setaʼ jimmagina. Biżżejjed ngħidu li mitejn sena wara l-Assedju, il-filosfu u kittieb magħruf Franċiż Voltaire kiteb: "rien nʼest plus connu que le siege de Malte" (xejn ma hu aktar magħruf mill-Assedju taʼ Malta). Naturalment insibu l-istoriku tal-Ordni Antonio Bosio li jagħtina bʼmod iddettaljat l-istorja tal-Assedju; kif ukoll it-Taljan Francesco Balbi di Coreggio li ġie Malta mal-kontinġent Spanjol fi Frar tal-1565 u kiteb ġurnata bʼġurnata djarju tal-Assedju, ktieb li għadna nistgħu nixtruh sal-lum.

Bosta kittieba oħra matul iż-żmien kitbu volumi sħaħ fuq il-qlubija tal-Kavallieri u l-Maltin fʼdan l-Assedju mdemmi kontra l-qawwa tal-Imperu Ottoman bʼArmada qawwija taʼ aktar minn 30,000 suldat magħżula taħt it-tmexxija tal-Ġeneral magħruf Mustafa u l-Ammirall Piali megħjuna mill-magħruf kursar taʼ Barberija Dragut. Il-kontinġent Malti fʼkavallieri, Maltin u merċeneraji kien ilaħħaq madwar 9,000 suldat. Interessani l-kitba tal-magħruf Ġermaniż F. Schiller li jagħti lil de Valette kull attribut li għandu jħaddan kull ċittadin u nsibu lill-istoriku Franċiż Abbe de Vertot li jinseġ l-istorja tal-Assedju. Warajh insibu l-Iskoċċiż Walter Scott li fil-Waverley novels tiegħu jikteb fuq l-Assedju u saħansitra wara ġie Malta biex iżur it-trijonf tal-Assedju jiġifieri l-Belt Valletta li hu jiddeskrivi bħala "a city built by gentlemen for gentlemen".

Saħansitra fl-aħħar għaxar snin inkitbu ħafna kotba taʼ riċerka kollha bit-tema tal-Assedju, fosthom insibu "The Sword and the Scimitar" taʼ David Ball; "Blood Rock" taʼ James Jackson u "The Religion" taʼ Tim Willocks. Fl-2009 l-istoriku Ingliż Roger Crawley ħareġ il- ktieb "Empires of the Sea" li jiffokka fuq l-Assedju l-Kbir.

Jien qed nelenka ftit mill-kotba li nkitbu fuq l-Assedju biex insikket bʼmod konvinċenti lil dawk li ma jemmnux li l-Assedju l-Kbir kien daqshekk aħrax, selvaġġ u mdemmi li l-Ewropa kollha kienet qed issegwi bʼħerqa kbira kif juru s-"siege maps" li kienu joħorġu bʼdettalji fuq l-Assedju fl-ibliet il-kbar taʼ l-Ewropa bħal Pariġi, Ruma, Venezja, Nuremberg u bliet oħra. Grazzi għall-Kav. Dr. Albert Ganado uħud minn dawn il-mapep nistgħu narawhom fil-Mużew Nazzjonali l-Belt.

L-Assedju, kif kien mistenni, kien iffokat fuq il-Birgu, l-Isla u l-Forti SantʼIermu, għax il-Mislem ried jeqred ghal kollox lill-Ordni taʼ San Gwann minn nofs il-Mediterran fejn l-Ordni kienet suprema. Antono Bosio isemmi l-intervent divin biex Malta fl-aħħar ħarġet rebbieħa fit-8 taʼ Settembru 1565. Wara dan it-trijonf fuq il-qawwa tal-Iżlam , Malta kabbret il-prestiġju tagħha mal-Ewropa kollha, ma baqgħetx meqjusa bħala parti minn Sqallija jew l-Afrika taʼ Fuq iżda bħala stat sovran. Osservaturi politiċi jsostnu li r-rebħa tat-8 taʼ Settembru, Jum it-Twelid tal-Madonna kien l-ewwel pass żgħir lejn l- Indipendenza.

Dawn ir-riflessjonijiet kollha huma issintesizzati bʼmod brillanti fil-pittura titulari taʼ Giuseppe Calì fil-Parroċċa tal-Mellieħa. Dan il-kwadru sabiħ jurina lill-Bambina fi ħdan ommha SantʼAnna flimkien maʼ San Ġwakkin bʼAnġlu jippreżenta l-palma tal-Vittorja lill-Kavallier tal-Ordni bix-xwieni tal-Gran Soccorso fil-bogħod resqin lejn il-Mellieħa u bʼsuldat tal-għadu mejjet u xeni mill-Assedju mdemmi. Minkejja li ċ-ċentru tal-Assedju kien il-Birgu fin-naħa tʼIsfel taʼ Malta, ʼil-bogħod sew mill-Mellieħa, din il-lokalità ukoll tat sehemha fʼmumenti l-aktar kruċjali tal-Assedju.

Minkejja l-wegħdiet taʼ għajnuna mill-Viċi Re taʼ Sqallija Don Garcia de Toledo ftit xhur qabel l-Assedju, din qatt ma dehret. U għalhekk wara l-waqgħa taʼ SantʼIermu fit-23 taʼ Ġunju, minkejja l-kuraġġ li wrew il-Kavallieri u l-Maltin, fosthom il-Kappillan taʼ San Ġorġ Ħal-Qormi, il-moral tal-Ordni tbaxxa sew għax inqatlu ħafna Kavallieri u Maltin. Għalkemm it-Torok tilfu bil-wisq aktar suldati – mill-anqas 8,000 suldat u l-magħruf mexxej Dragut, il-forzi Torok

kellhom aktar suldati u issa billi Piali seta jħares il-Port ta' Marsamxett setgħet tinġieb aktar għajnuna minn Barbarija.

L-għajnuna ż-żgħira, magħrufa bħala l-Piccolo Soccorso, dehret fuq ix-xefaq fil-Punent ta' Malta ftit jiem wara l-waqgħa ta' Sant' Iermu u fis-satra tal-lejl resqet lejn fejn il-lum hemm Golden Bay - Id-Daħla tal-Mixquqa. L-għassies fuq l-għoljiet tal-Mellieħa marru jilqgħuhom u ma tkellmu xejn fuq it-telfa ta' Sant'Iermu. Dan għamluh għax il-Piccolo Soccorso kellha ordni li terġa' lura Sqallija jekk il-Forti Sant'Iermu kien waqa'. Id-Dejma tal-Mellieħa mexxiet il-forza ta' 600 suldat minn postijiet mistura sakemm dawn waslu l-Imdina. Wara li ntbagħat il-qalbieni eroj Malti Toni Bajada fil-Birgu biex jinforma lil de Valette bil-wasla tal-għajnuna, il-Piccolo Soccorso ħarġet mill-Imdina fis-satra tal-lejl tal-4 ta' Lulju u waslu l-Birgu l-għada filgħodu. Din il-forza, għalkemm żgħira, għolliet il-moral tal-Kavallieri u l-Maltin u kabbret it-tama tar-rebħa.



Minkejja l-qlubija u l-fidi qawwija tad-difensuri tal-Birgu u tal-Isla, il-bumbardamenti kontinwi, in-nuqqas ta' ikel u l-mijiet ta' nies mejta ġo nofshom, kien hemm il-biża li Malta ċċedi. Insibu deskrizzjonijiet ta' din is-sitwazzjoni f'Atti Notarili ta' dak iż-żmien fl-Arkivji Nazzjonali tal-Belt. U hawn nerġgħu naraw intervent divin għax fis-7 ta' Settembru 1565 feġġgħet l-għajnuna l-kbira, il Grande Soccorso li kienet tikkonsisti fi 58 bastiment li minn fuqhom żbarkaw biss 10,000 suldat fl-inħawi tal-Aħrax, limiti tal-Mellieħa. Jistennewhom kien hemm id-dejma tal-Mellieħa li wasslithom lejn il-Birgu u fi triqithom il-Viċi Re Don Garcia de Toledo żar is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Ta' min jgħid ukoll li meta l-Armada Torka kienet qed tirtira minn Malta, in-Naxxarin ħabtu għalihom fejn saret battalja qalila li kompliet 3,000 ruħ oħra mill-għadu mejta. Huwa għalhekk ukoll li n-Naxxar ifakkar dan il-Jum Solenni meta il-flotta Torka salpat lura lejn Kostantinopli.

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa għandu seher misterjuż kif jixhdu bosta kwadri ex-voto li jinfirxu fuq medda ta' snin li jibdew mis-seklu tmintax sal-lum. Ħafna Kavallieri magħrufa kienu devoti tal-Madonnna tas-Santwarju u ħallew rikordji sbieħ għall-għajnuna li rċevew mill-Madonna. Fost dawn insibu kwadru sabiħ ta' Alessio Erardi. Għalkemm ma nsibux ex-voti tal-Assedju ma neskludix il-fatt li dawn setgħu twarrbu u nqerdu għax ħakmithom l-umdità li wieħed isib fl-għerien.

Il-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa teħodni lura lejn il-ħlewwa ta' tfuliti meta l-immaġinazzjoni tibda tixgħel u dlonk tibda toħlom. Għalhekk ippermettuli naqsam din l-aħħar riflessjoni magħkom. Kont tfajjel ta' ħames snin f'ħoġor ommi meta smajt l-ewwel darba fuq is-seħer tal-Mellieħa. Ommi kienet tgħidli kif fi tfulitha, jiġifieri fil-bidu tas-seklu għoxrin, zijitha Wistina Levanzin kienet teħodha magħha fis-sajf biex iqattgħu ħmistax għand familja ta' bdiewa f'post idilliku, li originarjament kien indikat bħala r-refuġju tal-eroj Omeriku Ulisse li għadda seba' snin jitlajjeb mas-sbejħa Ninfa Calypso. Bla dubju dan il-post kien Ġnien Ingraw bl-għerien u l-frott bnin tiegħu. Kienu jitilqu mill-Birgu fuq karozzin qabel tlugħ ix-xemx u tirrakkonta kif it-telgħa ta' Selmun kienet tant wieqfa li saħansitra kienu jinżlu minn fuq il-karozzin u jimbuttawh. Eżattament kif jaslu l-Mellieħa l-ewwel kienu jinvistaw lill-Madonna tas-Santwarju u wara kienu jmorru għand il-Kappillan u l-għassa tal-pulizija biex jinfurmawhom bil-miġja tagħhom. Din l-esperjenza sabiħa t'ommi baqgħet dejjem tidwi f'moħħi u l-Mellieħa għalija saret post ta' seħer u leġġendi.

Il-Mellieħa hija magħġuna sewwa fl-istorja ta' ġensna għax insibu tracċi ta' kull perjodu tal-istorja iżda forsi l-aktar li hu magħruf huwa s-Santwarju kif jixhdu in-numru kbir ta' xbihat ex-voto li nsibu hawnhekk. Forsi l-Madonna, anki fl-età venerabbli ta' aktar minn 85 sena, ittini l-kuraġġ li nġedded il-memorji t'ommi u li nara l-Malta Rebbieħa tittrijonfa fuq is-sbejħa Mellieħa.